EESC info

European Economic and Social Committee

A bridge between Europe and organised civil society

July 2022 | MT




## The Grassroots View: It-Tielet Sta?un – Episodju 19 – Il-Pajji?i tal-Balkani tal-Punent fuq l-g?atba tal-Unjoni Ewropea

**Il-proċess tant twil ta' adeżjoni tal-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent reġa' qiegħed fuq l-aġenda tal-UE. Dan l-episodju ta' *The Grassroots View* jiffoka fuq it-tkabbir tal-UE u l-Balkani tal-Punent, peress li mhux il-pajjiżi kollha jinsabu fl-istess stadju tal-vjaġġ tagħhom lejn is-sħubija fl-UE.**

Il-mistednin tagħna jiddiskutu l-prinċipju tal-integrazzjoni gradwali u progressiva, il-prospetti tar-reġjun biex jingħaqad fil-familja tal-UE u jekk il-fatt li l-UE qed tiffoka aktar fuq l-Ukrajna hux se jaffettwa n-negozjati mal-Balkani tal-Punent.

**Ionuţ Sibian**, membru tal-KESE u President tal-Kumitat ta' Segwitu tal-Balkani tal-Punent, li pajjiżu (ir-Rumanija) ingħaqad mal-UE fl-2007, jesprimi l-fehma tas-soċjetà ċivili dwar is-sitwazzjoni attwali fir-reġjun.

**Jarosław Pietras**, eks uffiċjal anzjan tal-Unjoni Ewropea u fi ħdan il-gvern Pollakk li kien involut fl-adeżjoni tal-Polonja fl-UE, jaqsam magħna l-esperjenza tiegħu dwar il-mejda tan-negozjati, u jitkellem dwar is-similaritajiet u d-differenzi bejn it-tkabbir il-kbir tal-2004 u tal-lum.

**Dafina Peci**, Segretarju Ġenerali tal-Kungress Nazzjonali taż-Żgħażagħ tal-Albanija, tesprimi l-aspirazzjonijiet taż-żgħażagħ fl-Albanija fil-kuntest ta' futur Ewropew għall-pajjiż.

**Camille-Cerise Gessant**, ġurnalista ma' Agence Europe, u **Erisa Zykaj**, korrispondent tal-UE għall-midja tal-Balkani tal-Punent fi Brussell, jagħtuna l-perspettiva tagħhom dwar is-sitwazzjoni tal-midja fir-reġjun u l-idea tal-komunità politika Ewropea. (at)

This page is also available in:

- ES
- BG
- CS
- DA
- EN
- DE
- ET
- FR
- EL
- GA
- HR
- IT
- LV
- LT
- HU
- NL
- PL
- PT
- FI
- RO
- SK
- SL
- SV

Available Languages:

ES BG CS DA EN DE ET FR EL GA HR IT LV LT HU MT
NL PL PT FI RO SK SL SV

# EDITORJAL



## Tis?i? tal-po?izzjoni ta?-?g?a?ag? u ?idma flimkien g?all-Ukrajna

**Hekk kif qed nikteb dan, il-kaxxa postali tagħna diġà qed timtela bl-applikazzjonijiet għall-Premju għas-Soċjetà Ċivili 2022, li nedejna fil-bidu ta' Ġunju. Bħal kull sena, qed infittxu l-aktar proġetti kreattivi u eċċellenti mill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-individwi, dawk li dejjem jimlew qalbna bi kburija għall-ħidma fantastika li s-soċjetà ċivili twettaq fuq il-post madwar l-Ewropa.**

Madankollu, din is-sena hija speċjali. Għall-ewwel darba, għażilna żewġ temi għall-premju tagħna, minflok il-wieħed tas-soltu: iż-żgħażagħ u l-Ukrajna. Dan ifisser li se nkunu qed infittxu żewġ settijiet ta' rebbieħa, tlieta f'kull kategorija.

Peress li l-2022 hija s-Sena Ewropea taż-Żgħażagħ, fil-bidu ddeċidejna li nonoraw proġetti li jsaħħu l-pożizzjoni taż-żgħażagħ. Bil-premju tagħna, irridu nuru l-ħtieġa urġenti li ż-żgħażagħ jingħataw l-opportunità li jsiru ċittadini attivi u jinvolvu ruħhom b'mod deċiżiv fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet li jaffettwaw il-futur tagħna, u speċjalment tagħhom.

Iżda hekk kif ir-Russja fetħet attakk qalil fuq l-Ukrajna u qed tikkawża tbatija umana li twaħħax, bdew jaslu l-aħbarijiet dwar l-isforzi altruwistiċi tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u ċ-ċittadini Ewropej li mmobilizzaw ruħhom mil-lum għall-għada biex jgħinu lill-ġirien tal-Ewropa.

Dan hija r-raġuni għaliex iddeċidejna li niftħu l-premju tagħna għal proġetti li jgħinu liċ-ċivili Ukreni milqutin mill-gwerra. Se nkunu qed infittxu rebbieħa minn fost dawk li qed jipprovdu għajnuna umanitarja fuq il-post, dawk li qed jagħtu kenn, dawk li qed jgħinu fl-integrazzjoni tal-Ukreni fis-swieq tax-xogħol, l-iskejjel u s-soċjetà Ewropej, u dawk kollha li kienu u għadhom hemm għal persuni li qed jiffaċċjaw il-ħruxija u l-aggressjoni, fiż-żmien meta l-aktar għandhom bżonn għajnuna.

Għalhekk jekk qed tmexxi proġett li għandu l-għan li joħloq futur aħjar għaż-żgħażagħ jew jekk qed tipprova tgħin lill-Ukreni bi kwalunkwe mod – refuġjati li diġà jinsabu fl-UE jew dawk li baqgħu fil-pajjiż mifni bil-gwerra tagħhom – ibgħatilna l-applikazzjoni tiegħek malajr. Barra minn hekk, jekk taf b'persuni li jwettqu ħidma eċċellenti fuq waħda minn dawn iż-żewġ temi, xerred il-kelma! Ħaffef, għax iż-żmien għaddej: l-iskadenza għall-applikazzjonijiet hija l-31 ta' Lulju.

Nittamaw li nirċievu ħafna proġetti kreattivi u siewja. Dan se jkun iċ-ċans tagħna li nagħtu ġieħ lil dawk kollha li qed jistinkaw biex jagħmlu l-Ewropa aħjar għaż-żgħażagħ u flimkien magħhom, kif ukoll biex kulħadd juri kuraġġ, umanità u solidarjetà quddiem il-ħażen.

**Cillian Lohan**
**Viċi President tal-KESE għall-Komunikazzjoni**

# DATI TAD-DJARJU

31 ta' Lulju 2022 10 a.m. (ħin ta' Brussell)

**Il-Premju tal-KESE għas-Soċjetà Ċivili: il-ħolqien ta' futur aħjar għaż-żgħażagħ u l-għajnuna lill-vittmi tal-gwerra fl-Ukrajna – data tal-għeluq biex jitressqu l-applikazzjonijiet**

18 ta' Lulju 2022, Brussell

**Nikkomunikaw dwar id-drittijiet fundamentali u l-istat tad-dritt**

21-22 ta' Settembru 2022, Brussell

**Sessjoni plenarja tal-KESE**



## IMMA?INA L-UKRAJNA...

**Olga Chaiko, ġurnalista tal-aħbarijiet Ukrena minn Kiev li f'xogħolha tkopri l-ħajja soċjali u politika, u attwalment l-avvenimenti tal-gwerra fl-Ukrajna, tikkummenta esklużivament għal KESE Info dwar id-deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew tat-23 ta' Ġunju 2022 li jagħti lill-Ukrajna status ta' pajjiż kandidat tal-UE. Agħti ħarsa wkoll lejn ir-ritratt li għażlet li jurina dan il-mument storiku.**

"L-istatus ta' kandidat huwa kisba kbira iżda diffiċli ħafna għal pajjiżna. Qed inħallsu prezz imdemmi għall-aspirazzjonijiet demokratiċi tagħna, iżda dan huwa l-uniku mod biex ninqatgħu mill-passat post-Sovjetiku tagħna u l-influwenza tar-Russja. Irridu nirbħu din il-gwerra biex il-ġenerazzjonijiet il-ġodda tagħna jkunu jistgħu jgħixu ħajja kuntenta u indipendenti".

---

## DRITT G?ALL-PUNT

**Fil-kolonna tagħna "Dritt għall-punt", il-membri tal-KESE jaqsmu l-fehmiet tagħhom dwar kwistjonijiet importanti fuq l-aġenda Ewropea. Din id-darba staqsejna lil Maurizio Mensi, membru tal-KESE, ir-relatur tal-Opinjoni dwar *L-implikazzjonijiet tal-Att Ewropew dwar iċ-Ċipep għad-difiża u l-manifattura ajruspazjali*, adottata mill-KESE fis-sessjoni plenarja tiegħu ta' Ġunju, biex jgħidilna fil-qosor għaliex din hija kwistjoni importanti.**

Huwa spjegalna x'inhuma dawn l-implikazzjonijiet għal żewġ setturi industrijali strateġikament importanti, id-difiża u l-ajruspazju.



# MAURIZIO MENSI, L-ATT DWAR I?-?IPEP: MA G?ANDNIEX NINJORAW IL-?TI?IJIET TAL-INDUSTRIJI AJRUSPAZJALI U TAD-DIFI ?A

**Komponent essenzjali ta' kwalunkwe prodott diġitali, is-semikondutturi huma vitali għall-industriji ajruspazjali u tad-difiża, minkejja li dawn tal-aħħar jammontaw biss għal madwar 1 % tas-suq globali taċ-ċipep.**

Is-semikondutturi li l-industriji jeħtieġu jridu jkunu reżistenti, affidabbli u kapaċi jaħżnu data u informazzjoni f'sikurezza u sigurtà sħiħa. Għalkemm l-interruzzjonijiet tal-katina tal-provvista b'mod ġenerali jirrappreżentaw sfida ekonomika u potenzjalment soċjali, f'dawn is-setturi strateġiċi, in-nuqqasijiet isiru wkoll problema ta' sigurtà.

L-Ewropa tiddependi fuq għadd żgħir ta' fornituri barranin, u dan għandu implikazzjonijiet sinifikanti. L-Istati Uniti, iċ-Ċina u l-Korea t'Isfel qed jinvestu ammonti kbar. Il-Kummissjoni Ewropea, permezz tal-Att dwar iċ-Ċipep, beħsiebha tirdoppja l-produzzjoni fl-Ewropa, u b'hekk twassal għal sehem globali ta' 20 % sal-2030, b'investiment totali ta' madwar EUR 43 biljun.

Madankollu, il-KESE jitlob lill-Kummissjoni tiċċara s-sorsi ta' dan il-finanzjament, peress li wħud minnhom jidhru li ġejjin minn ridistribuzzjoni ta' somom diġà allokati fil-baġit għal oqsma ta' prijorità oħrajn, bħall-ispazju, l-intelliġenza artifiċjali u ċ-ċibersigurtà, li m'għandhomx jiġu pperikolati. L-approprjazzjonijiet tal-Fond Ewropew għad-Difiża lanqas ma għandhom jitnaqqsu, minħabba li r-riżorsi disponibbli diġà huma limitati. F'kuntest ta' tensjonijiet ġeopolitiċi li qed jikbru, l-iżgurar li s-setturi tad-difiża u tal-ajruspazju jkollhom appoġġ finanzjarju adegwat huwa kruċjalil għall-Att dwar iċ-Ċipep.

Nissuġġerixxu wkoll li l-Att dwar iċ-Ċipep għandu jiffoka fuq l-innovazzjoni u jippromoviha mhux biss fil-qasam tas-semikondutturi żgħar, iżda wkoll f'dawk akbar, li għadhom jintużaw ħafna fl-industriji ajruspazjali u tad-difiża.

L-iżvilupp ta' proċeduri ta' ċertifikazzjoni huwa wkoll fundamentali għal dawn iż-żewġ setturi. Pereżempju, hemm il-ħtieġa li jiġi appoġġjat l-iżvilupp ta' standards komuni fil-qasam militari u ċivili, bħala parti mill-istrateġija Ewropea għall-istandardizzazzjoni.

Kwistjoni li għandha tiġi indirizzata mingħajr dewmien hija ċ-ċertezza legali fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat, fejn jiġu indikati, fil-livell tal-UE, il-kriterji għall-awtorizzazzjoni ta' kwalunkwe miżura ta' appoġġ u s-semplifikazzjoni tal-proċeduri amministrattivi fil-livell nazzjonali.

Hemm il-ħtieġa wkoll li tissaħħaħ il-kooperazzjoni mal-pajjiżi alleati bħall-Istati Uniti permezz tal-Kunsill tal-Kummerċ u t-Teknoloġija bejn l-UE u l-Istati Uniti. Fil-qosor, l-ekosistema globali tas-semikondutturi fis-setturi tad-difiża u tal-ajruspazju hija kumplessa u interdipendenti ħafna. Huwa biss permezz tal-isfruttar tal-punti b'saħħithom u l-iżvilupp ta' strateġiji kkoordinati li jkun possibbli li tiġi evitata d-duplikazzjoni u tiżdied l-effiċjenza fis-sistema kollha.

**Maurizio Mensi, Membru tal-KESE**

# “MISTOQSIJA WA?DA LIL...”




## Mistoqsija lil…

**Fit-taqsima tagħna “Mistoqsija lil...”, nistaqsu lill-membri tal-KESE biex iwieġbu mistoqsija dwar suġġett jaħraq li huwa, jew li għandu jkun, fuq quddiem fl-aġenda Ewropea.**

Fl-edizzjoni ta’ Lulju, tkellimna ma’ **José Antonio Moreno Diaz**, membru tal-KESE u relatur tal-Opinjoni dwar *Il-ġlieda kontra l-vjolenza kontra n-nisa*. Staqsejnieh x’azzjoni tista’ tieħu l-UE biex tiġġieled l-epidemija tal-vjolenza kontra n-nisa u l-bniet, li huwa jiddeskrivi bħala forma ta’ terroriżmu li jħalli eluf ta’ vittmi kull sena.

---



## José Antonio Moreno Díaz: il-vjolenza kontra n-nisa hija kwistjoni tad-drittijiet tal-bniedem

**Mill-kważi 500 miljun persuna li jgħixu fl-UE, madwar nofshom huma nisa. Skont studju tal-2014 tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali, madwar terz tan-nisa fl-UE esperjenzaw vjolenza f’xi punt f’ħajjithom sempliċiment għax huma nisa.**

Din hija **epidemija ta’ vjolenza kontra n-nisa**: vjolenza fir-relazzjonijiet tagħhom, fil-familja, fuq ix-xogħol, fit-toroq, eċċ. Dan huwa forma ta’ terroriżmu kontra n-nisa li jħalli eluf ta’ vittmi kull sena, b’nisa jinqatlu, jindarbu, jiġu maltrattati, umiljati, stuprati, attakkati, offiżi, insulentati, mhedda, u/jew isofru minn kull tip ta’ abbuż ieħor.

**Il-vjolenza kontra n-nisa hija għalhekk kwistjoni ta’ drittijiet tal-bniedem**, għas-sempliċi fatt li tkun mara jesponi l-persuna għall-ksur tad-drittijiet tal-bniedem, bħad-dritt għall-integrità fiżika u mentali, id-dritt għas-sigurtà, id-dritt għan-nondiskriminazzjoni, id-dritt għall-privatezza, eċċ.

Għalhekk huwa fir-responsabbiltà tal-awtoritajiet tal-Istati Membri u tal-istituzzjonijiet tal-UE biex jissalvagwardjaw id-drittijiet tal-bniedem għan-nisa: il-proposta għal Direttiva ppreżentata mill-Kummissjoni fit-8 ta’ Marzu – il-Jum Internazzjonali tan-Nisa – hija l-ewwel pass essenzjali u meħtieġ b’mod urġenti.

Il-KESE jilqa’ l-innovazzjoni regolatorja li ġġib magħha Direttiva dwar il-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa minn approċċ intersettorjali. Is-soċjetà tant qiegħda titlob għal Direttiva bħal din.

Barra minn hekk, fid-dawl tal-firxa u l-portata tal-forom multipli ta’ vjolenza li jġarrbu n-nisa, hemm bżonn li l-politiki biex dawn jiġu miġġielda ma jkunux politiki newtrali, iżda jiġu żviluppati minn **perspettiva** ċara u mhux ambigwa **tal-ġeneru**, ippreżentati b’mod li jiffaċilita l-fehim tal-importanza u l-effettività tagħhom.

Hemm ħtieġa għal dibattitu dwar il-vjolenza kontra n-nisa fl-UE, biex jiġu mfassla mekkaniżmi biex tiġi definita mġiba soġġetta għal prosekuzzjoni bħall-vjolenza u jiġu stabbiliti penali u ċ-ċirkustanzi aggravanti tagħhom. Madankollu, jeħtieġ ukoll li jkun hemm fis-seħħ proċeduri sabiex jiġu protetti l-vittmi u jiġi żgurat aċċess sigur u sikur għall-proċedimenti ġudizzjarji, kif ukoll li jingħataw mekkaniżmi ta’ appoġġ u ta’ integrazzjoni għall-vittmi.

Il-KESE jissuġġerixxi li għandhom jiġu inklużi miżuri speċifiċi fil-qafas tad-djalogu soċjali u tan-negozjar kollettiv sabiex jiġi żgurat li l-vittmi tal-vjolenza kontra n-nisa ma jitilfux xogħolhom u biex jiġi garantit li l-vittmi li m’għandhomx impjieg jiġu integrati fis-suq tax-xogħol.

Fl-istess ħin, ilkoll nafu li l-problemi soċjali ma jistgħux jissolvew biss permezz tal-qrati, li l-pieni ma għandhomx ikunu l-uniku mezz, u li għalhekk jeħtieġ li jkun hemm fis-seħħ politiki dwar l-edukazzjoni multidixxiplinari u s-sensibilizzazzjoni: għandna nużaw l-edukazzjoni u l-kultura biex nipprevjenu l-emerġenza ta’ persuni abbużivi, li tingħata edukazzjoni f’kundizzjonijiet ta’ ugwaljanza u li tiġi rispettata d-diversità.

Fid-dawl tar-rwol li għandha l-edukazzjoni fl-iffurmar tar-rwoli u l-isterjotipi tal-ġeneru, għandu jiġi estiż ir-rwol preventiv tagħha – b’mod partikolari permezz ta’ edukazzjoni komprensiva dwar is-sesswalità – fl-istadji edukattivi kollha, u l-parteċipazzjoni tal-komunità edukattiva, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili (speċjalment l-assoċjazzjonijiet femministi), l-imsieħba soċjali u l-komunitajiet milquta għandha tiġi inkluża b’mod espliċitu fil-kooperazzjoni istituzzjonali.

Fl-aħħar nett, il-KESE jesprimi t-tħassib serju tiegħu għall-fatt li l-attività tal-lemin estrem għandha l-għan li tiġġieled il-proposti għall-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa. Huwa mħasseb b’mod partikolari dwar iċ-ċaħda sistematikament tal-vjolenza strutturali kontra n-nisa, vjolenza li jġarrbu għas-sempliċi fatt li huma nisa. Din iċ-ċaħda mhux biss tikkumplika l-koeżistenza f’kundizzjonijiet ta’ ugwaljanza, iżda wkoll tattakka l-valuri u l-prinċipji stabbiliti fl-Artikolu 2 tat-TUE.

# AQTA' MIN HI L-PERSUNA MISTIEDNA?




## Il-mistieden sorpri?a

**Fil-kolonna tagħna “Il-mistieden sorpriża”, nintroduċu nies li xogħolhom jispira lil ħaddieħor u li d-determinazzjoni u l-impenn tagħhom lejn dak li jagħmlu jistħoqqilhom rispett.**

F’din l-edizzjoni ta’ KESE Info, il-mistiedna tagħna **Olga Chaiko**, ġurnalista Ukrena minn Kiev, taqsam l-istorja tagħha bħala ġurnalista waqt il-gwerra u l-isfidi li jiffaċċjaw hi u ġurnalisti Ukreni oħra. Hija tiddeskrivi kif adattaw il-metodi ta’ ħidma tagħhom għaż-żminijiet perikolużi li għaddejjin minnhom, kif qed jaqdu lil pajjiżhom u kif jittrattaw l-aħbarijiet foloz u l-propaganda.

---



## Olga Chaiko: Ninsabu f’sitwazzjoni li se tie?u fit-tul.

**Ġurnata fost l-oħrajn tqum u ssib pajjiżek fi gwerra.**

Id-dinja qed titfarrak; tipprova tirraġuna bis-sens ma’ qrabatek fir-Russja, iżda l-propaganda u l-biża’ jidhru li affetwawlhom l-abbiltà li jaħsbu b’mod loġiku. Tirrealizza li ħajjet l-Ukreni kollha qed tinbidel drastikament, inkluża tagħna l-ġurnalisti, minħabba li issa qed inqisu lilna nfusna, għall-inqas sa ċertu punt, suldati.

Dan kollu beda tmien snin ilu, meta r-Russja invadiet għall-ewwel darba lill-Ukrajna. Bejn l-2014 u l-2018, il-pajjiż kollu flimkien mal-istampa għaddew minn żminijiet diffiċli, hekk kif il-Kremlin uża propaganda biex jiġġustifika għemilu b’diversi modi, billi għajjar lill-Ukreni Nazisti u kkonvinċa lir-Russi li l-popli ta’ Donbas u l-Krimea kellhom bżonn il-protezzjoni tagħhom.

Wara, madankollu, is-sitwazzjoni stabbilizzat xi ftit. B’segwitu għar-Rivoluzzjoni tad-Dinjità (2013-2014), il-ġurnalisti gawdew il-libertà tal-espressjoni. Kien sar ferm aktar faċli li jiġu organizzati intervisti, il-politiċi ma baqgħux jevitaw l-istampa, u l-mezzi tax-xandir qatt ma immaġinaw, pereżempju, li l-iffilmjar ta’ xi post biex iservi ta’ "establishing shot" – kemm jekk stazzjon tal-ferrovija jew tal-metro, jew saħansitra pont – seta’ jpoġġi lill-pajjiż f’riskju.

Madankollu, is-soċjetà Ukrena kienet qed tistenna invażjoni fuq skala kbira mir-Russja mill-inqas minn Diċembru 2021. Kien hemm diversi sinjali li kienet riesqa: ir-retorika u l-propaganda min-naħa tar-Russja bdew jiħraxu, l-ambaxxati barranin minn Kiev sa Lviv bdew jiġu evakwati, u ċ-ċittadini barranin bdew jiġu mħeġġa bil-qawwa biex jitilqu mill-Ukrajna bi kwalunkwe mezz possibbli. Il-president u l-gvern tal-Ukrajna kienu evażivi fit-tweġibiet tagħhom fir-rigward tal-possbbiltà ta’ gwerra, u għalhekk stajna biss inbassru meta kien se jasal l-ewwel attakk fuq skala kbira.

Wara d-diskors ta’ Putin lir-Russja fit-22 ta’ Frar, id-diversi twissijiet ta’ Joe Biden lill-Amerikani u lill-Ukreni, u l-wasla tal-għajnuna militari, kien ċar li din setgħet tibda minn jum għal ieħor. Madankollu, meta bdiet tabilħaqq, fl-24 ta’ Frar, konna diżappuntati. Hekk kif smajna l-ħoss tal-isplużjonijiet fil-pajjiż kollu u n-nies bdew jaħarbu minn Kiev u minn bliet u rħula oħrajn, irrealizzajna li l-gwerra hija traġedja li ħadd ma jista’ jkun kompletament lest għaliha. Fl-ewwel ġurnata l-midja ppruvat tiġbed filmati ta' kollox, għax ħasbet li l-gwerra kienet se tintemm f’qasir żmien, iżda nibtu wkoll dubji li konna se nesperjenzawha fit-tul.

L-istampa Ukrena għandha l-esperjenza fil-kopertura ta’ operazzjonijiet antiterroristiċi. Grupp ġmielu ta’ korrispondenti diġà kellu esperjenzi fuq il-front f’Donbas. Lejn tmiem l-2016, il-Ministeru tad-Difiża organizza taħriġ għall-ġurnalisti li xtaqu jkunu akkreditati fiż-żona tal-gwerra, billi pprovda informazzjoni dwar il-forzi militari tagħna u tagħlim dwar il-prinċipji tal-mediċina tattika. Il-ġurnalisti kellhom isegwu regoli stretti, pereżempju jilbsu tagħmir protettiv bħal ġkieket u elmi kontra l-balal, u ngħataw għarfien dwar x’għandhom

jagħmlu jekk jinqabdu f’bumbardament. Huma kellhom jikkoordinaw lilhom infushom mal-uffiċjali tal-istampa tal-Ministeru tad-Difiża u jinfurmawhom ta’ kuljum dwar ir-rotta li jieħdu fuq il-front. Ma setgħux juru l-lok tal-militar tagħna. Xi ġellieda kienu jitolbu li wiċċhom jew it-tatwaġġi tagħhom jiġu mċajpra fuq il-filmati sabiex ma jiġux identifikati mill-għadu. L-għadd ta’ mwiet fil-militar kellu jittieħed biss minn sorsi uffiċjali affidabbli. Sirna noqogħdu aktar attenti meta nintervistaw il-popolazzjoni lokali, peress li ħafna nies fil-bliet u l-irħula fuq il-front kellhom qraba fit-territorji okkupati u beżgħu mir-ritaljazzjoni mill-kważi-repubbliki tar-Repubblika tal-Poplu ta’ Donetsk (DNR) u r-Repubblika tal-Poplu ta’ Luhansk (LNR).

Mill-24 ta’ Frar 2022 ’il hawn, dawn saru r-regoli għall-ġurnalisti Ukreni kollha. Irridu nieħdu aktar ħsieb ta’ dawk li jikkondividu l-esperjenzi tagħhom. Ħafna drabi, in-nies f’territorji meħlusin jibdew jibku jew jirrakkontawlna stejjer li qatt ma tkellmu dwarhom qabel il-gwerra. Għalhekk irid ikollna għarfien kif nitkellmu man-nies mingħajr ma nżidu t-tensjoni.

Irridu naħsbuha mhux biss darbtejn, iżda tlieta, erba’, saħansitra għaxar darbiet qabel ma nuru xi ħaġa, mingħajr ma ninħakmu mill-paranojja jew naqgħu fl-awtoċensura. Irridu nżommu f’moħħna li għaddejna minn diversi rivoluzzjonijiet Ukreni biex niżguraw il-libertà tal-espressjoni, u ma għandna qatt nitilfuha.

Madankollu, il-libertà tal-espressjoni għandha dejjem tkun akkumpanjata bl-ogħla responsabbiltà. Ippermettuli nagħtikom eżempju. F’dawk il-ġranet bikrin, meta r-Russja bbumbardjat bla heda lill-Ukrajna, kellna tentazzjoni qawwija li nuru t-traġedja u l-uġigħ tan-nies mingħajr filtri – nittrażmettuh kważi f’ħin reali, bix-xandiriet diretti tradizzjonali li l-udjenza tagħna kienet qed tistenna. Iżda konna sorpriżi b’mod negattiv għax tgħallimna li l-għadu seta’ juża l-filmati tagħna biex jaġġusta d-direzzjoni tal-isparar tiegħu! Issa sirna nevitaw li nirrappurtaw minn fuq il-post għal diversi sigħat. Limitazzjonijiet oħrajn jinkludu projbizzjoni fuq l-iffilmjar tal-moviment tat-tagħmir militari u tas-suldati fuq il-block-posts.

Is-suġġetti li nkopru nbidlu drastikament. Il-gwerra u l-konsegwenzi tagħha jinsabu f’kull storja. Nirrapurtaw dwar l-evakwazzjoni, il-qerda u dwar il-bliet prefabbrikati li qed jieħdu post id-djar lussużi u ordinarji li r-Russja għamlet ħerba minnhom. Aħna nitkellmu mal-ġellieda, l-eroj li appoġġjaw l-armata tagħna, u l-ġirien tagħhom, minkejja l-okkupazzjoni; ngħinu lill-voluntiera jiġbru l-flus għall-forzi armati tagħna u għall-mediċina tattika. Aħna esperti fil-proċessi tat-tneħħija tal-mini, iżda ħafna drabi ma nistgħux niftakru liema ġurnata tal-ġimgħa jew xahar ikun. Ninsabu f’sitwazzjoni li se tieħu fit-tul.

Xogħolna sar sors ta’ stress kostanti, test tas-saħħa fiżika u mentali tagħna. L-istazzjonijiet televiżivi tagħna (ICTV u STB) waqqfu studjo f’xelter biex ixandru bla waqfien għal sitt sigħat – is-slott tagħna fit-TV United News Marathon imwaqqaf mill-Ministeru tal-Kultura u l-Informazzjoni, li jiġbor flimkien sitt stazzjonijiet televiżivi (kemm statali kif ukoll privati) biex jiġi żgurat xandir kontinwu fiż-żmien tal-gwerra.

L-Ukrajna ilha tipprova tiġġieled l-aħbarijiet foloz għal mill-inqas tmien snin. Wara ħafna snin, aħna l-ġurnalisti nistgħu faċilment nagħrfu kontribut Russu minħabba li sirna esperti biex nifhmu l-propaganda Russa. Aħna niċċekkjaw il-parti l-kbira tar-rapporti tal-aħbarijiet ma’ sorsi affidabbli, uffiċjali responsabbli li prinċipalment joriġinaw mis-soċjetà ċivili Ukrena. Nitkellmu wkoll ma’ esperti f’ħafna oqsma tal-ħajja Ukrena. Niċċekkjaw għal darba darbtejn ir-rapporti tal-aħbarijiet ma’ siti web uffiċjali, paġni tal-midja soċjali u, naturalment, man-nies li nitkellmu dwarhom.

Il-kanali Russi jew pro-Russi mhumiex qed jixxandru f’pajjiżna. Is-siti web tagħhom jistgħu jiġu aċċessati biss permezz ta’ konnessjoni VPN (ħlief dawk uffiċjali). Għadna nistgħu nimmonitorjaw il-kanali Russi tat-Telegram – dawn jistgħu jiġu aċċessati faċilment u, naturalment, sa ċertu punt għandhom impatt fuq il-popolazzjoni tal-Ukrajna, iżda l-gvern tagħna u l-Kunsill tas-Sigurtà u d-Difiża Nazzjonali għamlu l-almu tagħhom biex ixerrdu informazzjoni veritiera fost it-telespettaturi u l-qarrejja.

United Marathon jixxandar fuq mill-inqas 10 kanali u jista’ jiġi aċċessat permezz tal-ismartphone permezz tal-applikazzjoni DIYA. L-Istat jibgħat twissijiet permezz ta’ diversi kanali u midja soċjali, għalkemm hemm

ħafna problemi fit-territorji okkupati, li huma maqtugħin mill-konnessjonijiet tagħna tal-internet u dik ċellulari.

Hemm problema oħra li hija komuni għall-Istati post-Sovjetiċi kollha. In-nies ma jafdawx l-aħbarijiet televiżivi. Huma jiftakru kif l-istampa ġiet iċċensurata fi żminijiet Sovjetiċi u ħafna drabi jgħidu li din hija manipulata. Dan huwa tajjeb min-naħa waħda, minħabba li jħeġġiġhom ifittxu u jqabblu informazzjoni minn sorsi differenti biex jiffurmaw l-opinjoni tagħhom stess. Nifhmu li l-ġirien tagħna, il-poplu Russu u dak Belarussu, kellhom wisq fiduċja fl-informazzjoni uffiċjali u tilfu l-kapaċità li jaħsbu b’mod kritiku. Huwa għalhekk li d-demokrazija u l-libertà tal-ħsieb huma wieħed mill-punti b’saħħithom tat-telespettaturi, il-qarrejja u l-ġurnalisti Ukreni.

**Olga Chaiko, ġurnalista Ukrena fil-programm tal-aħbarijiet “Fakty”, ICTV, SLM News**

# A?BARIJIET TAL-KESE




## Il-KESE jag?ti bidu g?all-Premju g?as-So?jetà ?ivili 2022 b’enfasi fuq ?ew? temi: i?-?g?a?ag? u l-Ukrajna

**Il-ħolqien ta’ futur aħjar għaż-żgħażagħ u l-għajnuna lill-vittmi tal-gwerra fl-Ukrajna huma ż-żewġ temi tal-Premju tal-KESE għas-Soċjetà Ċivili ta’ din is-sena.**

Il-KESE issa qed jilqa’ l-applikazzjonijiet għall-Premju tiegħu għas-Soċjetà Ċivili 2022 li se jippremja proġetti u inizjattivi innovattivi u kreattivi f’żewġ kategoriji: it-tisħiħ tal-pożizzjoni taż-żgħażagħ u l-għajnuna lill-persuni ċivili Ukreni affettwati mill-avvenimenti terribbli f’pajjiżhom li jinsab mifni bil-gwerra.

Se jingħataw total ta’ **EUR 6 000** lil massimu ta’ sitt rebbieħa, bi tliet rebbieħa għal kull kategorija.

It-tema tal-Kategorija 1 hija **t-tisħiħ tal-pożizzjoni taż-żgħażagħ**. Il-KESE se jagħżel ir-rebbieħa minn fost il-proġetti li għandhom l-għan li joħolqu futur aħjar għaż-żgħażagħ u maż-żgħażagħ fl-Ewropa. Dawn għandhom jindirizzaw il-ħtiġijiet speċifiċi taż-żgħażagħ Ewropej u jikkontribwixxu għat-tisħiħ tal-pożizzjoni u l-parteċipazzjoni tagħhom fil-ħajja ekonomika u soċjali.

It-tema tal-Kategorija 2 hija s-**soċjetà ċivili Ewropea għall-Ukrajna**. Permezz tal-premju l-KESE se jagħti ġieħ lil dawk kollha li huma attivi fuq il-post u li ta’ kuljum joffru l-għajnuna umanitarja lill-Ukreni, u lil dawk li jgħinu lir-refuġjati kemm mal-wasla tagħhom kif ukoll matul l-integrazzjoni fis-soċjetà Ewropea.

Il-premju huwa miftuħ għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, l-individwi u l-kumpaniji privati kollha li jwettqu inizjattivi mingħajr skop ta’ qligħ. L-inizjattivi u l-proġetti kollha jridu jkunu twettqu fl-UE, bl-

eċċezzjoni tal-proġetti fil-Kategorija 2 li jistgħu jitwettqu wkoll fl-Ukrajna.

**Data tal-għeluq biex jitressqu l-applikazzjonijiet**: 31 ta' Lulju 2021, fl-10 a.m. (ħin ta' Brussell),

**Iċ-ċerimonja tal-għoti tal-premji**: 14-15 ta' Diċembru 2022, Brussell.

**Id-deskrizzjoni sħiħa tar-rekwiżiti** u **u l-formola tal-applikazzjoni online** huma disponibbli fuq il-paġna web tagħna.

L-għan tal-Premju ewlieni tal-KESE għas-Soċjetà Ċivili huwa li titqajjem kuxjenza dwar il-kontribut eċċellenti tas-soċjetà ċivili għall-ħolqien ta' identità u ċittadinanza Ewropea u għall-promozzjoni tal-valuri komuni li jsaħħu l-integrazzjoni Ewropea. (ll)

---




## Il-KESE jesprimi appo?? inkondizzjonat g?as-s?ubija tal-Ukrajna fl-UE

**Il-KESE, ġimgħa biss qabel is-Summit tal-Kunsill tal-UE, adotta riżoluzzjoni li tappoġġja bil-qawwa li l-istatus ta' kandidat għas-sħubija fl-UE jingħata lill-Ukrajna mingħajr kundizzjonijiet, u li twiegħed l-impenn tas-soċjetà ċivili Ewropea li taħdem id f'id mal-Ukreni biex jibnu pajjiżhom mill-ġdid b'mod aħjar.**

Fil-plenarja ta' Ġunju, il-KESE adotta riżoluzzjoni oħra dwar l-Ukrajna. Ir-riżoluzzjoni, intitolata**L-Ukrajna – minn għajnuna għal rikostruzzjoni – proposti mis-soċjetà ċivili Ewropea**, tenfasizza li l-pajjiż għandu jingħata adeżjoni mal-UE ladarba jissodisfa r-rekwiżiti għas-sħubija. Ir-riżoluzzjoni tgħid biċ-ċar li l-kandidatura tal-Ukrajna m'għandhiex tkun għad-detriment tal-proċess ta' adeżjoni li għaddej bħalissa għall-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent.

Fir-rigward tar-rikostruzzjoni tal-pajjiż, ir-riżoluzzjoni tixħet dawl fuq il-ħtieġa immedjata ta' għajnuna finanzjarja Ewropea u internazzjonali biex nevitaw li l-ekonomija Ukrena tfalli għalkollox.

Il-President tal-KESE, **Christa Schweng**, qalet "Ir-riżoluzzjoni tagħna tibgħat messaġġ ċar lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex l-Ukrajna tingħata l-istatus ta' kandidat. L-Ukrajna jistħoqqilha dan, u l-poplu tagħha għandu jingħata prospetti Ewropej ċari."

**Oliver Röpke,** President tal-Grupp tal-Ħaddiema, qal: "Se nkunu qed naħdmu flimkien mal-Ukrajna biex tkun tista' timplimenta passi gradwali b'mod li tissodisfa l-istandards meħtieġa mit-trattati Ewropej biex tissieħeb fl-Unjoni".

**Stefano Mallia**, President tal-Grupp ta' Min Iħaddem, qal: "Qed nappellaw lill-istituzzjonijiet tal-UE jipprovdu fondi speċifiċi ta' emerġenza għall-SMEs, li għandhom jintużaw l-ewwel u qabel kollox biex jiġu ppreservati, u mbagħad biex jgħinuhom jikbru".

**Séamus Boland**, President tal-Grupp tal-Organizzazzjoijiet tas-Soċjetà Ċivili qal: "L-atturi tas-soċjetà ċivili għadhom ikunu fil-qalba tal-ippjanar, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-għajnuna umanitarja fil-livell tal-UE u dak nazzjonali lill-Ukrajna – kemm matul il-gwerra kif ukoll fil-bini mil-ġdid tal-pajjiż".

**Marta Barandiy**, President ta' "Promote Ukraine", qalet: "Neħtieġu l-għajnuna tagħkom biex nibnu l-pajjiż mill-ġdid", mentri **Mariya Korolchuk**, hija u titkellem f'isem l-NGOs CORE u Funky Citizens, f'diskors emozzjonali ferm, qalet li l-poplu Ukren kien determinat li jirbaħ u jibni lill-Ukrajna mill-ġdid.

Fl-istqarrija tiegħu, **Vsevolod Chentsov**, Kap tal-Missjoni Ukrena għall-UE, irringrazzja lill-Istati Membri tal-UE għas-solidarjetà tagħhom, u ġibed l-attenzjoni għall-fatt li istatus tagħha ta' pajjiż kandidat għas-sħubija fl-UE kien "mument eżistenzjali għalina". (at)

---



## Att dwar i?-?ipep g?all-Ewropa: l-appro?? "mil-laboratorju g?all-manifattura" mhuwiex bi??ejjed biex tinkiseb ir-re?iljenza

**F'pakkett ġdid ta' Opinjonijiet, il-KESE jargumenta li l-katina tal-valur kollha tas-semikondutturi jeħtieġ li tissaħħaħ, inklużi l-istadji finali tal-produzzjoni, fejn il-pandemija tal-COVID-19 ħarġet fid-dieher ukoll lakuni kritiċi.**

Fil-plenarja ta' Ġunju, il-KESE adotta pakkett ta' Opinjonijiet dwar l-inizjattiva tal-Att dwar iċ-Ċipep għall-Ewropa. Huwa u jilqa' l-proposti tal-Kummissjoni bħala inizjattiva tajba ħafna b'mod ġenerali biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet esperjenzati matul il-pandemija COVID-19, il-KESE enfasizza madankollu li l-Kummissjoni għandha tmur lil hinn f'oqsma speċifiċi.

L-ewwel u qabel kollox, il-KESE jemmen li biex l-industrija Ewropea tikseb reżiljenza strateġika, jeħtieġ li jiġi kkunsidrat is-settur kollu tas-semikondutturi: "Il-prinċipju "mil-laboratorju għall-manifattura" tal-Kummissjoni mhuwiex biżżejjed għaliex il-katina tal-valur ma tieqafx fl-istadju tal-manifattura", jenfasizza **Heiko Willems** , relatur tal-Opinjoni tal-KESE dwar Att dwar iċ-Ċipep għall-Ewropa.

Il-KESE jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-istadji ta' wara l-produzzjoni – l-imballaġġ, l-ittestjar u l-assemblaġġ – mhumiex koperti bis-sħiħ. "Il-produzzjoni Ewropea xi drabi tintbagħat lejn ix-Xlokk tal-Asja għall-imballaġġ u mbagħad tintbagħat lura lejn l-Ewropa: dan mhuwiex l-approċċ it-tajjeb għall-awtonomija strateġika, wara l-perikli li ħabbatna wiċċna magħhom dawn l-aħħar snin", jgħid **Dirk Bergrath**, relatur tal-Opinjoni tal-KESE dwar Ekosistema Ewropea tas-semikondutturi (l-Att dwar iċ-Ċipep).

Fl-istess ħin, huwa importanti li l-Ewropa tibqa' miftuħa peress li s-settur taċ-ċipep huwa wieħed mill-aktar ktajjen tal-valur globalizzati fid-dinja. L-istabbiliment ta' katina tal-valur magħluqa ma jagħmel l-ebda sens ekonomiku. Il-kisba ta' bilanċ tajjeb bejn it-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-Ewropa u t-tisħiħ tas-sħubijiet ma' pajjiżi tal-istess fehma hija, fl-opinjoni tal-KESE, it-triq it-tajba li għandha tiġi segwita.

Biex tittaffa l-iskarsezza tas-semikondutturi, l-UE għandha bżonn tindirizza diversi kwistjonijiet: l-aċċess għall-materja prima, il-faċilitajiet tar-R&Ż, il-proprjetà intellettwali, l-għarfien teknoloġiku kif ukoll id-disponibbiltà ta' ħaddiema b'ħiliet speċjalizzati. Dan jeħtieġ ħafna investiment u appoġġ mis-settur pubbliku. Il-Kummissjoni ppjanat li tiġbor EUR 43 biljun fis-snin li ġejjin. Madankollu, parti kbira minn dan il-baġit diġà hija allokata għal programmi oħra bħal Orizzont Ewropa u Ewropa Diġitali, u se tiġi riallokata biss.

"Fejn huma l-flus ġodda għall-industrija?", jistaqsi **Stoyan Tchoukanov**, relatur tal-Opinjoni tal-KESE dwar Impriża Konġunta dwar iċ-Ċipep. "Ejja nqabblu dan mal-Istati Uniti, li qed tinvesti USD 52 biljun bejn l-2021 u l-2026, u ċ-Ċina li qed tfittex li timmobilizza USD 150 biljun sal-2025. Anke pajjiż iżgħar bħall-Korea qed jippjana li jinvesti USD 450 biljun sal-2030."

L-UE se jkollha ssib fondi pubbliċi addizzjonali u l-KESE qed jappella lill-Kummissjoni biex issaħħaħ il-pjani ta' investiment tagħha. L-investiment privat jeħtieġ ukoll li jingħata spinta biex jinġabru EUR 43 biljun.

Il-Kummissjoni qed tiftaħ il-bieb għall-għajnuna mill-Istat sa 100 % tad-diskrepanza fil-finanzjament għal faċilitajiet li huma l-ewwel tat-tip tagħhom, jiġifieri faċilitajiet li għadhom ma jeżistux fl-Ewropa, biex tappoġġja segmenti tat-teknoloġija li huma partikolarment vulnerabbli minħabba tħassib ġeopolitiku jew rilevanza strateġika.

It-tliet relaturi jistqarru li: "Ilkoll naqblu li jekk ikollna dipendenzi qawwija fl-Ewropa u nuqqas ta' kapaċitajiet fejn neħtieġu s-saħħa, il-proġetti jeħtieġ li jiġu ffinanzjati wkoll bi flus pubbliċi. Iżda l-fatt li jkun hemm 100 % tal-għajnuna mill-Istat huwa sinjal ta' twissija, għaliex imbagħad ikun possibbli li jiġi ppreżentat proġett li mhuwiex verament sostenibbli." Il-vijabilità ekonomika ta' dawn il-faċilitajiet għandha tkun garantita, għall-inqas fil-perjodu medju, mingħajr tellieqa għas-sussidji, l-ebda ħolqien ta' kapaċitajiet żejda u l-ebda distorsjoni tas-suq.

---




## L-istrumentalizzazzjoni tal-migranti u l-kri?i tar-refu?jati tal-Ukrajna jappellaw g?al bidu ?did g?all-politika dwar il-migrazzjoni

**L-istrumentalizzazzjoni tal-migranti sostnuta mill-Istat, li għandha l-għan li tiddestabbilizza lill-UE, u l-influss bla preċedent ta' refuġjati b'riżultat tal-gwerra fl-Ukrajna, jagħmluha neċessarja li tiġi riveduta l-politika Ewropea dwar il-migrazzjoni. Il-KESE jinsisti li s-solidarjetà u l-kondiviżjoni tal-piżijiet fost l-Istati Membri huma meħtieġa sabiex ikun hemm rispons komuni għall-kriżijiet tar-refuġjati. Fl-istess ħin, il-KESE jenfasizza l-ħtieġa li jiġu ggarantiti s-sikurezza u d-drittijiet tal-bniedem tal-migranti.**

Fl-Opinjoni tal-KESE dwar **L-istrumentalizzazzjoni tal-migranti**, adottata fil-plenarja ta' Ġunju, il-membri enfasizzaw li r-rispons tal-UE għal din it-tattika għandu jkun ibbażat fuq politika komuni, kondiviża u koerenti dwar il-migrazzjoni.

Ir-regolament speċifiku, imminenti u li ilu mixtieq f'dan il-qasam għandu jipprovdi forma bbażata fuq is-solidarjetà ta' kondiviżjoni tar-responsabbiltà bejn l-Istati Membri.

Speċjalment issa, bil-gwerra fl-Ukrajna u l-flussi massivi ta' refuġjati, huwa ċar li l-migrazzjoni għandha impatt fuq l-Istati Membri kollha. Għaldaqstant, il-Patt Ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil għandu jitfassal mill-ġdid sabiex iwassal għall-bidla sistemika meħtieġa biex tiġi żviluppata politika dwar l-ażil u l-migrazzjoni li tkun razzjonali u bbażata fuq id-drittijiet.

**Stefano Palmieri**, relatur tal-Opinjoni tal-KESE, enfasizza li: "Issa jeħtieġ li nkomplu naħdmu biex nikkonsolidaw ir-reputazzjoni tal-Ewropa bħala post li jista' joffri għajnuna umanitarja u jiggarantixxi r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem".

Fir-rigward tat-"theddid ibridu" użat minn pajjiżi terzi biex tiġi ttestjata l-unità tal-UE, **Pietro Vittorio Barbieri**, korelatur tal-Opinjoni tal-KESE, enfasizza li l-bnedmin mhumiex it-theddida iżda pjuttost il-vittmi ta' tattiċi bħal dawn.

Il-KESE enfasizza li l-migranti involuti huma vulnerabbli ħafna u jeħtieġu protezzjoni,u insista wkoll li l-għajnuna umanitarja għandha tissodisfa l-istandards meħtieġa skont id-dritt tal-UE u tikkonforma mal-prattiki stabbiliti għall-appoġġ ta' individwi vulnerabbli. F'dan ir-rigward, il-KESE jirrakkomanda li għandu jingħata rikonoxximent ġust, sħiħ u immedjat tad-drittijiet tal-migranti strumentalizzati, u li għandhom jiġu evitati żoni griżi jew sitwazzjonijiet ta' inċertezza amministrattiva. (at)

---



## Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa: is-segwitu issa huwa kritiku

**L-isforzi kollettivi tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili matul l-aħħar sena taw riżultati u l-Konferenza dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa rnexxielha tagħti riżultati sinifikanti dwar kwistjonijiet li jikkonċernaw lill-Ewropej. B'dan il-messaġġ, il-President tal-KESE Christa Schweng laqgħet lil Dubravka Šuica, il-Viċi President tal-Kummissjoni Ewropea għad-Demokrazija u d-Demografija, fis-sessjoni plenarja tal-KESE fit-15 ta' Ġunju 2022.**

"Ġew adottati disgħa u erbgħin proposta, ibbażati fuq ir-rakkomandazzjonijiet taċ-ċittadini u wara kontributi mill-partijiet ikkonċernati kollha. Dawn jinkludu ħafna objettivi li jħarsu 'l quddiem, bħal li l-KESE jingħata s-setgħa b'mod espliċitu bħala faċilitatur u garanti ta' attivitajiet ta' demokrazija parteċipattiva," qalet is-Sinjura Schweng.

Hija żiedet li l-isfida issa kienet doppja: biex jinstab l-aħjar mod possibbli biex jiġi appoġġat id-djalogu strutturat mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u biex jingħata segwitu għall-Konferenza, jiġi żgurat li l-feedback ikun bir-reqqa, sempliċi, trasparenti u fil-forma ta' dashboard online u skrinjar pubbliku.

Is-Sinjura Šuica enfasizzat li "l-Kumitat huwa parti essenzjali mill-ekosistema demokratika, isaħħaħ il-fiduċja u jnaqqas id-distakk bejn iċ-ċittadini u l-istituzzjonijiet. Issa huwa vitali li nipprovdu lill-Ewropej b'feedback minn dan l-eżerċizzju demokratiku uniku. Il-Kummissjoni dejjem se tkun fuq in-naħa ta' dawk li jixtiequ

jirriformaw l-UE biex din taħdem aħjar. Madankollu, it-tibdil fit-trattat m'għandux ikun għan fih innifsu; hemm ħafna dak li jista' u jeħtieġ li jsir taħt it-trattati eżistenti."

Filwaqt li ħabbret il-konferenza ta' segwitu, li se ssir fil-ħarifa tal-2022, hija qalet li "l-avveniment se jpoġġi siġill ta' leġittimità fuq il-proċess kollu minħabba li d-demokrazija hija prezzjuża u qatt ma nistgħu nqisuha bħala fatt, peress li l-avvenimenti traġiċi fl-Ukraina qed ifakkruna. L-enfasi tagħna għandha tkun li nkomplu niżviluppaw id-demokrazija u issa qed nagħmlu d-demokrazija tagħna adatta għall-futur. " (mp)

---


Professor Andrea Renda, CEPS

## Il-KESE jevalwa t-"tielet triq" tal-Ewropa g?ad-di ?italizzazzjoni

**Bis-saħħa tad-Dikjarazzjoni dwar id-Drittijiet u l-Prinċipji Diġitali u l-Att dwar id-Data, l-UE qed tieħu żewġ passi oħra lejn il-ħolqien ta' spazju diġitali li jpoġġi lin-nies fil-qalba tiegħu:, dan ġie enfasizzat f'dibattitu fis-sessjoni plenarja tal-KESE ta' Ġunju.**

Fis-sessjoni plenarja tal-15 ta' Ġunju, il-KESE ospita dibattitu dwar **id-drittijiet u l-prinċipji diġitali** mal-Professur **Andrea Renda**, Riċerkatur ta' Livell Għoli u Kap tal-Governanza Globali, ir-Regolamentazzjoni, l-Innovazzjoni u l-Ekonomija Diġitali fiċ-Ċentru għall-Istudji Politiċi Ewropej (CEPS). Id-dibattitu kien marbut mal-adozzjoni tal-Opinjonijiet tal-KESE dwar l-abbozz ta' Dikjarazzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet u l-Prinċipji Diġitali u l-Att dwar id-Data.

Professur **Renda** esprima appoġġ kemm għad-dikjarazzjoni kif ukoll għall-att bħala żewġ ħoloq tal-katina tas-sistema regolatorja tal-UE, li tikkostitwixxi alternattiva għall-Istati Uniti, iddominata minn governanza privata f'idejn megakorporazzjonijiet, u ċ-Ċina kkontrollata mill-Istat, fejn id-data tinkiseb minn kumpaniji ġganti tat-teknoloġija saret għodda tas-sorveljanza tal-massa min-naħa tal-gvern.

"Għandna dawn l-ideat dwar is-sikurezza u s-sigurtà, li jirrikjedu mhux biss iktar individwi u kumpaniji privati responsabbli, iżda wkoll gvernijiet iżjed attenti u b'saħħithom li għandhom l-għodod biex jaraw x'inhu bla periklu u sigur u x'inhu fil-punt li jevolvi f'xi ħaġa li la hija bla periklu u lanqas sigura" qal. "U nitkellmu dwar is-sostenibbiltà – mhux biss ambjentali, iżda wkoll dejjem aktar sostenibbiltà ekonomika u soċjali, għax il-mudell li rajna s'issa mhux sostenibbli soċjalment u ekonomikament."

"Huwa rilevanti ferm li nimpenjaw lill-UE fil-konfront tad-drittijiet u l-prinċipji diġitali biex jiġi indirizzat id-distakk diġitali prevalenti, b'mod partikolari fir-rigward tal-aċċess għas-servizzi pubbliċi u privati online għal popolazzjonijiet li qed jixjieħu u dawk rurali," qal **Philip von Brockdorff**, ir-relatur tal-Opinjoni tal-KESE dwar l-abbozz ta' dikjarazzjoni.

Huwa enfasizza li d-dikjarazzjoni jenħtieġ li tappoġġja l-iżvilupp sostenibbli mhux biss b'rabta mal-ambjent, iżda wkoll fir-rigward tas-sostenibbiltà soċjali, bil-għan li jitnaqqsu l-effetti dannużi u billi jiġi massimizzat l-impatt pożittiv tat-teknoloġiji diġitali fuq l-ekonomija u s-soċjetà.

Fil-preżentazzjoni tal-Opinjoni tal-KESE dwar l-Att dwar id-Data, ir-relatur **Marinel Dănuț Muresan** enfasizza l-ħtieġa li jiġi indirizzat it-tħassib leġittimu tas-soċjetà ċivili: "Is-sigurtà taċ-ċittadini tal-UE hija

importanti ħafna. Kull parti kkonċernata jeħtieġ li jkollha aċċess. Irridu niżviluppaw ċentri tad-data li jsegwu r-regoli dwar iċ-ċibersigurtà, jiżguraw li jkun hemm taħriġ professjonali kontinwu għal kull min jipproċessa d-data u aċċess ġust għall-partijiet ikkonċernati kollha u, b'mod partikolari, l-SMEs." (dm)

---



Left to right: Stefano Palmieri, Javier Doz Orrit, Brikena Xhomaqi, Luca Jahier, Gonçalo Lobo Xavier, Drago? Pîslaru

## Is-Semestru Ewropew: Je?tie? li ji?i riformat sabiex ji?gura l-parte?ipazzjoni effettiva tas-so?jetà ?ivili organizzata, jitlob il-KESE

**Waqt il-konferenza annwali tiegħu f'Ġunju, il-Grupp tas-Semestru Ewropew ġedded is-sejħa tiegħu għall-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili u ppropona mekkaniżmu ta' finanzjament tal-investiment permanenti u komuni biex jissaħħu t-tħejjija għall-kriżijiet u l-kapaċità ta' rispons għalihom.**

Il-konferenza serva ta' segwitu għar-riżoluzzjoni tal-Kumitat reċenti sabiex tiddiskuti r-riforma tas-Semestru Ewropew, li ser ikun qed jissorvelja l-implimentazzjoni tal-pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza. "Bl-isfidi ġodda li qed tiffaċċja l-UE, is-Semestru Ewropew irid jiġi aġġornat, imsaħħaħ u jinfetaħ għas-soċjetà ċivili organizzata Ewropea", spjega l-viċi president tal-Grupp tas-Semestru Ewropew, **Gonçalo Lobo Xavier**.

Hi u tiftaħ il-konferenza, il-president tal-KESE, **Christa Schweng** tenniet il-ħsieb li "is-soċjetà ċivili għandha rwol kruċjali għall-Ewropa t'għada", filwaqt li **Elisa Ferreira**, Kummissarju għall-Koeżjoni u r-Riformi, qalet, "Hekk kif naħsbu dwar kriżijiet futuri, jeħtieġ li naħsbu f'termini mhux ta' għodda ewlenija waħda, iżda ta' ħafna għodod u sett ta' għodod maħżun tajjeb. Neħtieġu d-diversifikazzjoni."

L-UE ser ikollha bżonn investimenti kbar ħafna fis-snin li ġejjin. Il-membri tal-panel iddiskutew jekk dawn il-pjanijiet ta' rkupru għandhomx isiru strutturali u permanenti biex jiġi żgurat investiment komuni f'oqsma ewlenin. "L-Ewropa teħtieġ l-indipendenza enerġetika," qal **Javier Doz Orrit**, president tal-Grupp tas-Semestru Ewropew, filwaqt li l-president tas-Sezzjoni għall-Unjoni Ekonomika u Monetarja (ECO), **Stefano Palmieri**, insista dwar il-ħtieġa li "tiġi assigurata trasformazzjoni strutturali tas-sistema".

**Luca Jahier**, il-viċi president tal-Grupp tas-Semestru Ewropew, għalaq il-konferenza billi rrikonoxxa l-importanza tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u tal-pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza. "B'dawn l-għodod, għamilna aktar f'dawn l-aħħar sentejn milli f'l-aħħar 20 sena", huwa qal. "Issa jeħtieġ li niżguraw il-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili organizzata, ninvestu aktar, u naċċelleraw it-tranżizzjoni." (tk)

---


Pietro Francesco De Lotto and Christa Schweng

## L-industriji ewlenin tal-Ewropa j?e??u lill-KESE jimmassimizza r-rwol tieg?u fit-tfassil tal-politika

**F'avveniment li jiċċelebra l-20 sena ta' attività konsultattiva tal-KESE dwar it-tibdil industrijali, is-setturi industrijali ewlenin tal-UE argumentaw favur rispons aktar xprunat mid-data u orjentat lejn il-futur fir-rigward tat-tfixkil b'riżultat tal-COVID-19, l-aggressjoni Russa, il-kriżi klimatika, u t-trasformazzjoni industrijali u soċjali.**

Fit-8 ta' Ġunju, il-KESE ċċelebra l-20 anniversarju tal-Kummissjoni Konsultattiva dwar il-Bidliet Industrijali (CCMI). Rappreżentanti mill-industriji tal-estrazzjoni, l-enerġija, id-difiża u l-ajruspazju enfasizzaw li, f'dinja li nbidlet radikalment, il-politika tal-UE trid tirrifletti b'mod preċiż kemm l-imperattivi industrijali kif ukoll il-kuntest soċjali.

Il-President tal-KESE **Christa Schweng**, li inawgurat l-avveniment, enfasizzat l-impenn biex "naħdmu flimkien mas-soċjetà ċivili organizzata, l-istituzzjonijiet tal-UE u l-partijiet interessati rilevanti kollha biex jinstabu soluzzjonijiet konġunti għall-isfidi li qed jiffaċċjaw l-industriji tagħna."

**Thierry Breton**, il-Kummissarju għas-Suq Intern, faħħar il-mod kif "il-KESE jkompli jaqdi rwol ewlieni fil-kwistjonijiet ta' politika industrijali." Huwa qal lill-parteċipanti tal-avveniment li l-isfidi tat-tibdil fil-klima, il-pandemija u l-gwerra fuq l-għatba tal-UE jfissru li hemm ħtieġa urġenti li l-Ewropa tkun kapaċi tieħu l-kontroll tad-destin industrijali tagħha.

**Pietro Francesco De Lotto**, President tas-CCMI, enfasizza r-rwol tal-Kummissjoni li tistaqsi mistoqsijiet ġodda, filwaqt li tantiċipa oqsma ġodda ta' analiżi u ġġib għarfien espert ġdid fid-diskussjonijiet biex tiżgura li jitqiesu l-fehmiet tal-partijiet interessati kollha. Huwa qal "il-Kummissjoni Konsultattiva dwar il-Bidliet Industrijali hija mudell biex jiġi kkunsidrat mill-ġdid il-futur tad-djalogu soċjali fl-istituzzjonijiet Ewropej."

**Monika Sitárová**, Viċi President tas-CCMI, iddikjarat, "ir-rapporti tagħna jipprovdu bażi ta' evidenza għall-Opinjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tagħna. Aħna nużaw l-esperjenza tagħna tad-djalogu soċjali biex nindirizzaw il-bidla industrijali u l-impatt soċjali tagħha, nantiċipaw il-bidla u nikkontribwixxu għal soluzzjonijiet li huma soċjalment aċċettabbli." (ks)

---


Christa Schweng and Ann Hardt

## L-I?E: fl-10 anniversarju, il-KESE jfittex li jag?ti spinta lill-impatt tieg?u

**Nhar Jum l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej (IĊE) 2022, ospitat mill-KESE fit-2 ta' Ġunju, il-kelliema u l-attivisti enfasizza li IĊE li tħalli iktar impatt tkun ukoll iktar popolari.**

Il-KESE ċċelebra għaxar snin ta' IĊE b'avveniment li ħa rendikont tal-kisbiet u l-isfidi waqt li jħares b'ħerqa lejn il-futur. Il-kelliema u l-attivisti pinġew stampa mħallta, b'xi suċċessi notevoli maġenb in-nuqqasijiet u d-dgħufijiet, u ġew enfasizzati **l-impatt, l-aċċessibilità u l-viżibilità**.

“Qegħdin niċċelebraw l-10 anniversarju ta’ din l-għodda parteċipattiva trasnazzjonali u li għadha unika,” qalet il-President tal-KESE **Christa Schweng**, hekk kif fetħet l-avveniment. “Għaxar snin huma twal ħafna: żgur li ksibna xi ftit esperjenza. Iżda huma wkoll qosra ħafna: għad fadlilna x’nitgħallmu, intejbu u nassiguraw li l-IĊE tikseb il-post li jistħoqqilha fil-proċess istituzzjonali tal-UE.”

Il-President tal-KESE ħabbret id-deċiżjoni tal-KESE li jadotta pożizzjoni dwar inizjattivi rilevanti ta’ suċċess qabel ma l-Kummissjoni Ewropea tagħti risposta, bl-ewwel inizjattiva tkun **“Insalvaw in-naħal”**. Se jagħti wkoll attenzjoni speċjali liż-żgħażagħ u jimmonitorja kif l-Istati Membri qed jieħdu l-opportunità li jnaqqsu l-età minima għal 16 sabiex wieħed ikun jista’ jiffirma IĊE – għażla li s’issa saret realtà fi Stat Membru wieħed, flimkien ma’ tlieta oħra fejn l-età tal-votazzjoni diġà hija 16 jew 17-il sena.

Il-Viċi President tal-Kummissjoni **Dubravka Šuica** qalet: “L-IĊE hija eżempju tal-kapaċità tal-istituzzjonijiet li jadattaw, jibdlu u jtejbu l-impenn tagħna maċ-ċittadini. L-attenzjoni tagħna trid tkun fuq li nkomplu niżviluppaw ekosistema ta’ innovazzjoni demokratika u impenn u parteċipazzjoni taċ-ċittadini fid-demokrazija.”

L-MEP **Helmut Scholz** issuġġerixa li, jekk il-Parlament Ewropew kellu jikseb id-dritt ta’ inizjattiva leġiżlattiva permezz ta’ bidliet fit-trattat wara l-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa, ikun jista’ jimpenja ruħu li jiżgura li jiġu segwiti l-IĊE li jħallu suċċess.

Workshop wieħed iffoka fuq is-suċċess ta’ IĊE reċenti. L-inizjaturi tagħhom qablu li, fin-nuqqas ta’ riżorsi finanzjarji sostanzjali għall-kampanji, li l-ispiża tagħhom stmawha għal madwar EUR 300,000, l-appoġġ tal-NGOs kien kruċjali biex jinkisbu l-miljun firma meħtieġa. Huma enfasizzaw li n-nies jafdawhom u minħabba li jafdawhom, huma aktar lesti li jiffirmaw u jipprovdu l-informazzjoni personali meħtieġa mill-Istati Membri.

Sessjoni oħra ħarset lejn il-popolarità tal-IĊE fost iż-żgħażagħ, li jikklassifikaw fuq quddiem fost l-inizjaturi, għalkemm mhux fost dawk li kellhom l-aktar suċċess. Il-kelliema ddiskutew kif l-istituzzjonijiet jistgħu jħeġġu aktar żgħażagħ jużaw għodod bħall-IĊE. Attivisti żgħażagħ enfasizzaw li l-edukazzjoni politika minn età żgħira hija meħtieġa madwar l-UE biex jiġi evitat li tali għodod ikunu aċċessibbli biss għal ftit persuni b’livell għoli ta’ edukazzjoni. Kun af aktar dwar l-avveniment (dm/rl)

# A?BARIJIET MILL-GRUPPI



## ?ieda fl-inflazzjoni ming?ajr indi?jar: il-pagi tal-?addiema jonqsu u l-faqar ji?died

Mill-Grupp tal-Ħaddiema tal-KESE

**Iridu jittieħdu miżuri sabiex il-ħaddiema u l-familji li diġà għandhom diffikultajiet sabiex ilaħħqu mal-ħajja ma jispiċċawx**

**f’faqar assolut hekk kif l-inflazzjoni tnaqqrilhom il-valur tal-pagi tagħhom kull xahar.**

L-inflazzjoni hija proċess ikkumplikat b’diversi kawżi. Madankollu, l-effetti tagħha huma ċari u diretti: il-ħaddiema u l-familji madwar l-Ewropa qed jaraw is-salarji tagħhom jonqsu b’mod effettiv u t-tfaddil tagħhom jitnaqqar. Kif ġeneralment ikun il-każ, dawk l-aktar vulnerabbli huma wkoll l-aktar milquta b’mod sever, peress li l-marġnijiet tagħhom kienu diġà limitati (jekk kien hemm). Barra minn hekk, iż-żieda fil-prezzijiet li qed nesperjenzaw hija partikolarment evidenti fil-każ ta’ oġġetti bażiċi għall-biċċa l-kbira tal-ħaddiema, fosthom l-ikel, l-elettriku, it-tisħin, u l-fjuwil.

Data tal-BĊE turi li fl-2008 kien hemm xi tip ta’ indiċjar awtomatiku bejn iż-żieda fl-għoli tal-ħajja u l-pagi (il-Belġju, Spanja, Franza, Ċipru, il-Lussemburgu, Malta u Spanja), jew indiċjar mhux awtomatiku iżda xorta waħda skont xi linji gwida (il-Greċja, l-Italja u l-Finlandja). Wara l-miżuri ta’ awsterità wara l-kriżi tal-2008, il-Belġju u l-Lussemburgu biss żammew, u bħalissa għandhom, indiċjar awtomatiku. L-Italja, Ċipru, u Malta għandhom xi tip ta’ indiċjar mhux awtomatiku (BĊE). Dawn il-miżuri ġeneralment huma bbażati fuq l-għoli tal-ħajja ġenerali, u filwaqt li jgħinu, bilkemm jistgħu jtaffu l-effetti taż-żieda fil-prezzijiet tal-prodotti bażiċi msemmija hawn fuq. Madankollu, il-biċċa l-kbira tal-UE ma għandha l-ebda waħda minn dawn is-sistemi. Għalhekk huwa saħansitra aktar importanti li tingħata assistenza addizzjonali lil dawk l-aktar vulnerabbli, u li jiġu indirizzati kemm jista’ jkun l-għeruq taż-żieda fil-prezzijiet. Fuq medda qasira ta’ żmien, xi wħud mill-kawżi tal-inflazzjoni mhumiex kontrollabbli, jiġifieri l-invażjoni Russa tal-Ukrajna. Il-limitazzjonijiet strutturali għall-ktajjen tal-provvista globali wara l-COVID-19 iridu jiġu indirizzati wkoll, fost inċertezza dejjem akbar. Huma meħtieġa soluzzjonijiet fit-tul. Sadanittant, iridu jittieħdu miżuri sabiex il-ħaddiema u l-familji li diġà għandhom diffikultajiet biex ilaħħqu mal-ħajja ma jispiċċawx f’faqar assolut peress li l-valur tal-pagi tagħhom qed jonqos kull xahar. (prp)

---



## Il-Presidenza ?eka: “L-Ewropa b?ala missjoni”, slogan li jag?mel ?afna sens

Stefano Mallia, President tal-Grupp ta’ Min Iħaddem tal-KESE

**Praga ressqet programm prammatiku u dinamiku li jidentifika tajjeb l-isfidi immedjati li qed niffaċċjaw.**

Ir-Repubbika Ċeka qed tieħu f’idejha l-presidenza b’rotazzjoni tal-Kunsill tal-UE fi żmien diffiċli għall-Unjoni tagħna – probabbilment fl-aktar żmien kritiku li qatt kien hemm – hekk kif għal darb’oħra qed niffaċċjaw il-gwerra fil-kontinent tagħna filwaqt li għadna qed nissieltu mal-impatti tal-pandemija, l-irkupru dgħajjef u l-inflazzjoni.

Is-slogan magħżul mill-Presidenza Ċeka huwa effettiv: **L-Ewropa bħala missjoni**. Tabilħaqq, ilkoll għandna l-kompitu li niggwidaw lill-Ewropa tirrieżamina lilha nnifisha, tibni ruħha mill-ġdid u tissaħħaħ, u li nsibu l-kuraġġ li nevalwaw mill-ġdid ħafna mill-approċċi attwali tagħna.

L-isfidi li għandna quddiemna huma konsiderevoli: irridu niffukaw fuq il-ħolqien tal-kundizzjonijiet għall-paċi, is-sigurtà u l-prosperità fl-UE, filwaqt li niżguraw ir-reżiljenza strateġika u l-kompetittività tal-ekonomija

Ewropea. Huwa biss permezz ta' ekonomija b'saħħitha u kompetittiva li nistgħu niffaċċjaw pressjonijiet internazzjonali filwaqt li nieħdu ħsieb iċ-ċittadini tagħna.
Is-suq intern għandu bżonn jiġi approfondit aktar, speċjalment fis-settur tas-servizzi u l-ekonomija diġitali. Irridu ntejbu l-ambjent tan-negozju, inkluż l-appoġġ għax-xjenza, ir-riċerka u l-innovazzjoni. Dan biss se jagħti spinta lill-kompetittività tal-kumpaniji Ewropej.

Aħna lkoll favur il-Patt Ekoloġiku u l-aġenda "Lesti għall-mira ta' 55%", iżda rridu noqogħdu attenti għall-pass tad-dekarbonizzazzjoni tal-industrija tal-UE. Il-kwistjonijiet tas-sigurtà tal-enerġija tagħna bħalissa huma aktar urġenti mit-tranżizzjoni tal-enerġija. L-ewwel u qabel kollox, jeħtieġ li nsaħħu r-reżiljenza tal-enerġija tal-UE kollha kemm hi. Irridu niżguraw li neliminaw id-dipendenza tagħna mir-Russja filwaqt li niżguraw l-enerġija minn fornituri differenti.

Fir-rigward tal-immigrazzjoni u r-refuġjati, irridu nfittxu li nistabbilixxu soluzzjonijiet permanenti u dejjiema li jiżguraw responsabbiltà ugwali fost l-Istati Membri tal-UE.
Ninsabu fiduċjużi li r-Repubblika Ċeka ser tmexxi l-Unjoni b'determinazzjoni kbira. Praga ressqet programm prammatiku u dinamiku li jidentifika tajjeb l-isfidi immedjati li qed niffaċċjaw u li għandu l-għan li jindirizzahom fl-iqsar żmien possibbli u bl-aktar mod effettiv kemm jista' jkun.

Huwa programm tal-Presidenza li jpoġġi l-ekonomija u l-kompetittività tagħha fil-qalba tiegħu, u wieħed li l-Grupp ta' Min Iħaddem ser jappoġġja.
L-Ewropa hija missjoni li tagħmel ħafna sens (sm)

---




## Konferenza Ewropea fl-Irlanda dwar it-Tran?izzjoni ?usta

Mill-Grupp tal-KESE tal-Organizzazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili

**Il-Grupp tal-KESE tal-Organizzazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili, fi sħubija mal-Irish Rural Link, organizza konferenza fl-Irlanda biex janalizza s-suġġett tat-"Tranżizzjoni Ġusta" minn diversi aspetti.**

Il-Grupp tal-Organizzazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili, fi sħubija mal-Irish Rural Link (IRL), network nazzjonali li jirrappreżenta l-interessi tal-komunitajiet rurali fl-Irlanda, organizza konferenza konġunta fid-9 ta' Ġunju f'Tullamore, l-Irlanda.

Il-konferenza analizzat is-suġġett tat-**"Tranżizzjoni Ġusta"** minn diversi aspetti u l-kelliema kellhom dibattitu dwar il-ħtieġa ta' tranżizzjonijiet ġusti, kif ukoll l-opportunitajiet li dawn joħolqu, fit-tliet panels li ġejjin:

- It-tis?i? tal-komunitajiet u l-bini tal-kapa?itajiet permezz tar-rikreazzjoni u l-wirt;
- Il-?olqien tal-impjiegi u l-provvista ta' ener?ija rinnovabbli;
- L-investiment fl-edukazzjoni u t-ta?ri?.

**Pippa Hackett**, Ministru tal-Istat għall-Użu tal-Art u l-Bijodiversità, tat bidu għall-konferenza li fiha ħadu sehem ukoll il-kelliema mistiedna li ġejjin: **Kieran Mulvey**, Kummissarju għat-Tranżizzjoni Ġusta, l-Irlanda;

**Declan Harvey**, President tal-Kunsill tal-Kontea ta’ Offaly, u **Séamus Boland**, President tal-Grupp tal-Organizzazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili u Uffiċjal Kap Eżekuttiv tal-IRL.

Huwa u jitkellem dwar il-konferenza, **Séamus Boland**, qal: “Huwa ta’ ferħ kbir li nista’ nġib il-Grupp tal-KESE tiegħi f’Tullamore biex naraw b’għajnejna stess kif it-Tranżizzjoni Ġusta qed tiġi implimentata f’żona li ntlaqtet l-aktar mill-miżuri meħtieġa biex jiġi indirizzat it-tibdil fil-klima. Huwa importanti wkoll li nenfasizzaw ir-rwol essenzjali li jaqdu l-komunitajiet fit-Tranżizzjoni Ġusta u li niżguraw li jkunu involuti u impenjati f’kull stadju”.

Il-Ministru **Pippa Hackett** qalet: “Ninsabu fil-bieb tat-tranżizzjoni – nistgħu naraw il-pajsaġġ quddiemna, xi wħud minna taw is-salt, iżda ħafna minna, bir-raġun, qed insibuha bi tqila biex nimpenjaw ruħna bis-sħiħ peress li dan ifisser li jkollna nsellmu lil dak li nafu u nifhmu.  L-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili għandhom rwol importanti ħafna x’jaqdu bħala komunikaturi, medjaturi u animaturi kemm tal-aktar persuni milquta kif ukoll ta’ dawk li jilleġiżlaw, fil-livell nazzjonali u tal-UE, għat-tranżizzjoni. Nilqa’ din il-konferenza bħala pass importanti ieħor fit-triq tal-aktar reġjuni milquta tal-UE, inkluż ir-Reġjun taċ-Ċentru tagħna fl-Irlanda.”

Il-konklużjonijiet, ir-rakkomandazzjonijiet, filmat u r-ritratti tal-konferenza kif ukoll il-preżentazzjonijiet tal-kelliema mistiedna huma disponibbli fis-sit web tal-KESE. (jk)

# SOON IN THE EESC/CULTURAL EVENTS




## Il-?lieda kontra l-vjolenza abba?i tal-?eneru: l-ewwel u qabel kollox ag?ti widen

**Wirja ta’ filmati fil-bini tal-KESE tenfasizza r-realtà inkwetanti tas-superstiti nisa tal-vjolenza fl-Ewropa.**

Il-wirja virtwali, intitolata “Vuċijiet tal-Vjolenza”, tikkonsisti minn serje ta’ għaxar filmati qosra mill-Istitut Kulturali Daniż li fihom atturi Daniżi, Estonjani, Latvjani,u Litwani jagħtu vuċi lil stejjer anonimi u juru l-marki u l-feriti li dawn l-esperjenzi ħallew fuq nisa minn pajjiżi differenti. L-idea hija li s-smigħ u l-komprensjoni huma l-ewwel passi lejn it-teħid ta’ azzjoni u l-bidla.

Il-wirja se ddum mit-13 ta’ Lulju sal-31 ta’ Awwissu. It-tnedija ser issir online waqt is-sessjoni plenarja tal-KESE ta’ Lulju, b’rabta mal-adozzjoni tal-Opinjoni tiegħu dwar *Il-ġlieda kontra l-vjolenza kontra n-nisa*.

Kelma ta’ twissija: ċerti spettaturi jistgħu jsibu l-kontenut tal-filmati xokkanti jew skonvolġenti.

Tista’ ssib aktar informazzjoni fis-sit web tagħna.




## L-attivitajiet tal-KESE matul il-Presidenza ?eka: Lulju-Di?embru 2022

**Fuljett li għadu kif ġie ppubblikat jistabbilixxi kif il-KESE beħsiebu jgħin biex jintlaħqu l-għanijiet tal-Presidenza Ċeka li jmiss.**

Il-Presidenza Ċeka tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea se jkollha tindirizza mhux biex il-kriżi umanitarja kkawżata mill-gwerra fl-Ukrajna, imma anke l-konsegwenzi ekonomiċi li l-kunflitt qed iġib miegħu. L-isfida hija akbar peress li l-Ewropa għadha ma rkupratx kompletament mill-kriżi li ġabet magħha l-pandemija tal-COVID-19.

Il-Presidenza li jmiss beħsiebha tiffoka l-isforzi tagħha fuq **l-iżgurar tas-sigurtà tal-enerġija**, **l-iżvilupp tar-reżiljenza strateġika tal-ekonomija tal-UE** u **t-tisħiħ tal-kapaċitajiet ta' difiża u taċ-ċibersigurtà fl-Ewropa**. Fl-istess ħin, ser ikollha tindirizza kwistjonijiet relatati mal-ġestjoni tal-kriżi tar-refuġjati u l-irkupru tal-Ukrajna.

**L-istat tad-dritt** u r-reżiljenza tal-istituzzjonijiet demokratiċi ser ikunu wkoll fil-qalba tal-prijoritajiet tal-Presidenza li jmiss.

Il-Presidenza Ċeka se jkollha wkoll rwol ieħor importanti x'taqdi fl-iżgurar ta' **segwitu** adatt, trasparenti u sostanzjali **għall-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa**.

Il-KESE huwa determinat li jaħdem mill-qrib mal-Presidenza Ċeka dwar dawn l-objettivi konġunti. Fuljett li għadu kif ġie ppubblikat jiddeskrivi l-mod li bih kull waħda mis-sezzjonijiet tematiċi tal-KESE qed tippjana li tikkontribwixxi fl-oqsma ta' politika tagħha. Il-fuljett jenfasizza wkoll il-kwistjonijiet li dwarhom il-Presidenza Ċeka talbet speċifikament lill-KESE jipprovdi l-għarfien espert tiegħu.  Il-Kumitat se jagħmel ħiltu biex jiżgura li leħen l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili Ewropea jinstema' matul il-Presidenza kollha.

Il-fuljett huwa disponibbli bl-Ingliż, il-Franċiż, il-Ġermaniż u ċ-Ċek mis-sit web tal-KESE. Kopji stampati jistgħu jinkisbu minn: vipcese@eesc.europa.eu. (fgr)

## Editur

Ewa Haczyk-Plumley (editor-in-chief)
Daniela Marangoni (dm)

## Il-kontributuri g?al din l-edizzjoni huma

Amalia Tsoumani (at)
Chrysanthi Kokkini (ck)
Daniela Marangoni (dm)
Daniela Vincenti (dv)
Ewa Haczyk-Plumley (ehp)
Fabiola Giraldo Restrepo (fgr)

Giorgia Battiato (gb)
Jasmin Kloetzing (jk)
Katerina Serifi (ks)
Katharina Radler (kr)
Laura Lui (ll)
Marco Pezzani (mp)
Margarida Reis (mr)
Pablo Ribera Paya (prp)
Thomas Kersten (tk)

# Koordinazzjoni globali

Agata Berdys (ab)
Giorgia Battiato (gb)

Technical support
Bernhard Knoblach (bk)
Joris Vanderlinden (jv)

# Indirizz

Kumitat Ekonomiku u So?jali Ewropew
Bini Jacques Delors, 99 Rue Belliard, B-1040
Brussell, il-Bel?ju
Tel. (+32 2) 546.93.96 jew 546.95.86
Indirizz elettroniku: eescinfo@eesc.europa.eu

KESE info huwa ppubblikat disa' darbiet fis-sena matul is-sessjonijiet plenarji tal-KESE. KESE info huwa disponibbli fi 23 lingwa. Il-KESE Info ma tistax titqies b?ala r-rapport uffi?jali tal-?idmiet tal-KESE; g?al dawn, jekk jog??bok irreferi g?all-?urnal Uffi?jali tal-Unjoni Ewropea jew g?al pubblikazzjonijiet o?rajn tal-Kumitat. Ir-riproduzzjoni hija permessa jekk il-KESE Info jissemma b?ala s-sors u tintbag?at link lill-editur.

08/2022